

Kitba ta' Paul Zammit

# Jiena s-Sultana tar-Rużarju
# Devozzjoni kbira matul is-snin fil-Parroċċa Tagħna

Din is-sena l-Papa Ġwanni Pawlu II qiegħed ifakkar il-25 sena mill-bidu tal-pontifikat tiegħu u għalhekk iddedika s-sena minn Ottubru 2002 sa Ottubru 2003 bħala s-sena tar-Rużarju.

Ġewwa pajjiżna tista' tgħid illi minn dejjem kien hemm devozzjoni kbira lejn il-Madonna tar-Rużarju. Xhieda ta' dan huma l-ħafna statwi proċessjonali, artali, fratellanzi u niċeċ imxerrda ma' Malta kollha. Inżid ngħid wkoll illi kull l-ewwel Ħadd ta' Ottubru fil-parroċċi kollha ta' Malta ssir il-festa bil-purċissjoni ad unur il-Madonna tar-Rużarju. F'Beltna din id-devozzjoni rat il-bidu tagħha wisq qabel it-twaqqif tal-fratellanza fil-knisja l-qadima ta' Santa Katarina (San Girgor). Fil-fatt kien diġa jeżisti l-kappellun tar-Rużarju. Kien nhar it-3 t'April, 1597 meta l-Ġeneral ta' l-Ordni tal-Predikaturi Patri Paolo Tarasio Mirandulanda O.P. ġie awtorizzat iwaqqaf il-fratellanza tar-Rużarju. L-isqof Balaguer fil-vista pastorali tal-1600 isemmi l-artal mill-isbaħ bi kwadru li kien jinkludi l-ħmistax-il misteru u li kien jinsab fil-knisja ta' San Girgor.

Meta mbniet il-knisja parrokjali preżenti il-fratellanza trasferiet l-artal fil-kappellun tal-lemin. Dan il-kappellun huwa mżejjen b'abside mill-isbaħ xogħol il-pittur famuż Francesco Zahra bejn l-1739 - 40 u juri t-twaqqif u t-trijonf tar-Rużarju Mqaddes. L-artal ġie kkonsagrat mill-Isqof Vincentius Labini fl-1781 filwaqt illi l-kwadru titulari huwa xogħol il-pittur magħruf Gian Nikol Buhagiar. Dan il-kwadru bħalissa jinsab għar-restawr u dak li hemm floku llum huwa dak li kien hemm fil-knisja ta' San Girgor. Fis-sotto kwadru naraw xogħol ta' preġju kbir li juri l-Madonna tal-Kandlora u li skond diversi kritiċi Maltin jattribwuh lill-iskola ta' Antonello da Messina. F'niċċa żgħira taħt is-sotto kwadru naraw xogħol ieħor ta' arti kbira, l-famuż Bambin tal-Milied xogħol l-iskultur famuż Żejtuni Xandru Farrugia. Il-kwadri laterali jirrappreżentaw lil Sant'Anna u lill-Kunċizzjoni. Kitba li tinsab fil-paviment tal-kappellun turi illi dan tħallas minn Ġwanni Farrugia fl-1895.



Fis-sena 1740 il-fratellanza bniet is-sagrestija li tinsab biswit il-kappellun u din għadha magħrufa hekk sallum. Opra oħra kbira ta' l-arti li turi d-devozzjoni ta' missirijietna lejnil-madonna taħt it-titlu tar-Rużarju hija bla dubju ta' xejn l-istatwa sabiħa tal-**Madonna li nħadmet fl-1803 u li din is-sena għalhekk qed infakkru l-mitejn sena tagħha. Ta' min jgħid illi din l-istatwa sabiħa hija attribwita lill-magħruf Marjanu Gerada.** Din il-fratellanza tippossiedi wkoll diversi xogħlijiet oħra artistiċi bħal Bambin ieħor bil-wieqfa xogħol ieħor ta' Xandru Farrugia. Iżejnu l-artal insibu vent'artal mill-isbaħ indurat u rrakkmat flimkien ma' terħa rrakmata fuq il-bellus, messal tal-fidda li huwa xogħol l-arġentier Żejtuni Tarċisju Cassar u sar bil-ħidma ta' Carmelo Spiteri. Il-lampier tal-fidda sar fl-1728 minn Giovanni Bessiere filwaqt illi l-lanterni u l-medaljun saru minn Francesco Assenza fl-1725. Is-salib tal-fratellanza huwa xogħol fil-fidda fuq disinn tal-magħruf Antonio Sciortino.

Minbarra dan ġewwa ż-Żejtun insibu bosta niċeċ tal-Madonna, kollha effett tad-devozzjoni ta' missirijietna lejn il-Madonna. Dawn insibuhom f'dawn it-toroq:- Santa Marija, San Mikiel, Dun Mikiel Cassar, fi Sqaq il-Madonna tal-Bon Kunsill u f'kanturinera ta' Triq Strejnu.

Sa qabel il-Konċilju Vatikan II din il-festa kienet issir b'solennita' kbira. Minbarra l-jiem ta' tridu fil-festa kien jitkanta l-Matutin solenni u b'quddiesa kantata bil-mużika. Filgħaxija kienet issir il-proċessjoni li fiha kienu jattendu għadd kbir ta' fratelli. Minbarra dan il-knisja kienet tiżżejjen bid-damask li kien jibqa' sal-festa ta' Santa Katarina. Illum għad li ż-żminijiet tbiddlu l-festa għadha ssir fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Il-Ħamis ta' qabel jibdew ġranet ta' tħejjija filwaqt illi s-Sibt tibda velja bit-talba tar-Rużarju quddiem Ġesu' espost. Nhar il-festa filgħaxija ssir il-quddiesa kantata u wara toħroġ il-proċessjoni aux flambeaux bis-sehem tal-fratelli u l-kleru.

J'Alla li aħna nkomplu nitħeġġu fid-devozzjoni lejn din l-Omm tagħna permezz tar-Rużarju Mqaddes mhux biss fil-familji tagħna iżda wkol fil-każini tagħna.

**Joseph Sammut Co. Ltd.**
Turnkey Contractors
*Joseph Sammut - Managing Director*
J.C.S. Triq Hal-Torretta, Sta. Venera A-C HMR 07
Tel: 2144 5380 • Mob: 9949 2539 • Fax: 2144 3093

Michael's
BOUTIQUE
51, MATER BONI CONSIGLII STR., ZEJTUN
for your wearing needs ...
Michael's Boutique
ZEJTUN AGENT
7967 4604
Town Agents for SWAN Best Laundry in Malta
LAUNDRY & DRY CLEANING CO. LTD.
B44, Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN 08, Malta
Tel: 691414/5/6 Fax: 809471 Freephone: 0800 77 66 14
51, MATER BONI CONSILGLI STREET, ZEJTUN